MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
KEVIN MOMPALAO**

Seduta tat-23 ta' April, 2012

Talba Numru. 29/2011

John Pace

Vs
Gatt
Enterprises Limited

It-Tribunal;

Ra l-avvizipprezentat minn John Pace fit-tmintax (18) ta' Ottubru tas-sena elfejn u hdax (2011) li permezz tieghu premetta illi huwa gie mqabbad mis-socjeta konvenuta sabiex jaghmel xoghol ta' panel beating fuq trakk tar-Ready Mix propjeta tas-socjeta konvenuta, liema xoghol huwa esegwixxa fix-xhur ta' April u Mejju tas-sena elfejn u hdax (2011) ghal-liema xoghol baqa' ma thallasx. Il-prezz ta' dak ix-xoghol inkluz materjal li setgha uza fih kien jammonta ghal hames mija u hamsin ewro (€550). Konsegwentament huwa talab illi s-socjeta konvenuta tigi kkundannata thallas l-ammont ta' hames mija u hamsin ewro (€550) ghal dan ix-xoghol; bl-ispejjez u bl-imghax

skont il-ligi nkluzi l-ispejjez ta’ l-ittra bonarja spedita u ta’ l-ittra ufficcjali tat-tmienja u ghoxrin (28) ta’ Gunju tas-sena elfejn u hdax (2011) li t-tnejn gew esebiti f’dawn l-atti.

Ra d-digriet tieghu ta’ l-erbatax (14) ta’ Dicembru tas-sena elfejn u hdax (2011) li permezz tieghu appunta l-kawza ghas-smiegh gaht-tmintax (18) ta’ Jannar tas-sena elfejn u tnax (2012) u awtorizza lill-kumpanija konvenuta sabiex tirrispondi fi zmien li trid il-ligi kif ukoll ordna lil attur sabiex jipprezenta l-invoices ezistenti.

Ra r-riferta a fol. tlieta (3) tal-process fejn jirrizulta illi l-kumpanija konvenuta giet notifikata fit-tnejn u ghoxrin (22) ta’ Dicembru tas-sena elfejn u hdax (2011).

Ra r-risposta prezentata mill-kumpanija konvenuta u l-kontro talba annessa maghha li gew prezentati fis-sittax (16) ta’ Jannar tas-sena elfejn u tnax (2012).

Illi fir-risposta taghha, l-kumpanija konvenuta eccepiet illi l-pretensjonijiet tar-rikorrenti huma nfondati fid-dritt u fil-fatt peress li ma sar l-ebda xoghol mill-attur fuq inkarigu tal-kumpanija konvenuta; huwa allegat illi l-kumpanija konvenuta ma ghandha l-ebda trakk tar-Ready Mix li sar xi xoghol fuqu fuq inkarigu taghha; gie eccepit ukoll minghajr pregudizzju ghal eccezzjonijiet l-ohra li l-ammont pretiz ma hux korrett ghaliex ma sarx ix-xoghol illi l-attur qed jghid illi ghamel.  Ghalhekk il-kumpanija konvenuta talbet illi t-talbiet attrici jigu michuda bl-ispejjez inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficcjali tal-hamsa (5) ta’ Ottubru tas-sena elfejn u hdax (2011)

Illi di piu fil-kontro talba annessa ma’ l-istess risposta, s-socjeta konvenuta rreklamat is-somma ta’ hames mija u tlettax il-ewro u tletin centezmu (€513.30) minghand l-attur ghal servizzi, xoghol u spazju provduti  mis-socjeta konvenuta fuq struzzjonijiet tieghu stess.

Illi ghal din il-kontro talba l-attur wiegeb permezz tad-debita risposta fejn ecepixxa illi t-talba tas-socjeta Gatt Enterprises Limited hija infondata fid-dritt u fil-fatt u intiza biss sabiex tahrab mill-obbligazzjonijet ta’ hlas li l-istess

socjeta ghandha favur John Pace. In fatti t-talba ghall-hlas mis-socjeta Gatt Enterprises Limited qamet biss wara li John Pace prezenta l-kont tieghu tax-xoghol li kien ghamel.

Illi jirrizulta illi kemm ir-risposta kif ukoll il-kontro talba gew prezentati tardivament wara l-perjodu ta' sittax il-jum preskritt mil-ligi. Izda fil-verbal tat-tlieta (3) Frar tas-sena elfejn u tnax (2012) l-attur iddikjara li qed jirtira kull oggezzjoni li kellu ghall-fatt li r-risposti tal-kontro talba gew intavolati tardivament u ghalhekk gew meqjusa bhala regolari.

It-Tribunal ra d-dokumenti kollha esebiti mill-partijiet u mix-xhieda.

Sema x-xhieda bil-gurament.

Ha konjizzjoni wkoll ta' l-affidavit prezentat minn Lea Caffari raprezentant tar-registratur tal-kumpaniji fil-Malta Financial Services Authority.

Ikkunsidra;

Illi qabel xejn it-Tribunal jaghmel referenza ghall-verba tat-tmintax (18) ta' Jannar tas-sena elfejn u tnax (2012) fejn hemm dettat illi f'dik ix-xhieda xehed John Muscat. Jirreferi wkoll ghax-xhieda ta' l-istess xhud kif tirrizulta transkritta a fol. tnejn u ghoxrin (22) tal-process. Jirrizulta mil-atti sussegwenti illi dan ix-xhud ma jismux John Muscat izda jismu Joseph Muscat. Ghaldaqstant it-Tibunal qieghed jordna d-debita korrezzjoni billi a fol. tnejn u ghoxrin (22) tal-process fit-traskrizzjoni tax-xhieda li inghatat fit-tmintax (18) ta' Jannar tas-sena elfejn u tnax (2012), l-isem John Muscat jinbidel ghal Joseph Muscat kull fejn jinkorri kif ukoll illi ssir d-debita korrezzjoni tal-verbal tat-tmintax (18) ta' Jannar tas-sena elfejn u tnax (2012) li jinsab a fol. tlieta u ghoxrin (23) tal-process billi l-isem John Muscat jigi sostitwit bl-isem Joseph Muscat.

Illi din il-kwistjoni hija wahda purament ta' fatti. Jirrizulta inkontestat illi l-attur John Pace ghamel xi xoghol fuq trakk

tar-Ready Mix. It-trakk qatt ma gie identifikat minn dan it-Tribunal la permezz ta' numru ta' registrazzjoni u lanqas b'xi dokument iehor. L-uniku identifikazzjoni li hemm jaghtija l-attur fix-xhieda tieghu fejn qal li dan kien trakk tal-marka Daf eight wheeler ta' lewn blue. Il-kontestazzjonijiet principali f'din il-kawza huma tnejn. L-ewwel wahda hija dwar lil min verament ghamel ix-xoghol John Pace, cioe ma' min kienet ir-relazzjoni kontrattwali. John Pace jghid illi x-xoghol ghamlu lil Gatt Enterprises Limited. Min naha l-ohra Mario Gatt, ir-rapprezentant tal-kumpanija konvenuta jghid illi x-xoghol illi nkariga huwa ma kienx ghan-nom tal-kumpanija Gatt Enterprises Limited izda ma jghidx ghal min kien. It-tieni kwistjoni hija dwar il-fatt inkontestat illi John Pace fix-xoghol tieghu uza s-servizz ta' forklifter li kien propjeta tal-kumpanija konvenuta. Il-kontestazzjoni f'dan ir-rigward qeghda jekk il-kumpanija konvenuta ghandiex dritt tirreklama hlas ghal dan l-uzu ta' forklifter liema uzu kien intiz biex tkun aktar accessibli l-kabina tat-trakk illi riedet tissewwa. It-Tribunal ser jikkonsidra dawn iz-zewg kwistjonijiet seriatim.

Illi l-ewwel kwistjoni titratta dwar jekk il-kumpanija konvenuta hijiex il-legittimu kontradittur. Il-kumpanija konvenuta qed tinnega dan. Jirrizulta inkontestat illi x-xoghol ordnah Mario Gatt. Mario Gatt jghid illi meta mar jordna x-xoghol ta' tiswija fuq dan it-trakk, huwa ma semma l-ebda kumpanija. Jekk dan hu l-kaz, legalment dan jimplika illi Mario Gatt kien qed jassumi responsabilta personali. Mario Gatt jghid illi l-familja tieghu ghandha diversi kumpaniji li hu direttur f'kull wahda minnhom izda quddiem dan it-Tribunal ma identifikax ghal-liema kumpanija kien qieghed jagixxi.

Min naha tieghu l-attur John Pace fix-xhieda tieghu jghid car u tond li meta gie kellmu l-ewwel darba Mario Gatt ghamilielu cara illi kien qieghed jitkellem ghan nom tal-kumpanija Gatt Enterprises Limited. John Pace jerga' jafferma dan fil-kontro ezami tieghu fejn jghid illi Mario Gatt kien ghamilielu cara illi hu kien qieghed jagixxi ghan-nom ta' Gatt Enterprises Limited u meta f'okkazzjoni ohra, cioe' meta gie biex johrog il-kont rega talbu l-isem tal-kumpanija, Mario Gatt ghal darba ohra kkonfermalu u

indikalu lil Gatt Enterprises Limited. Mario Gatt f'xi zmien li ma rrizultax meta, kien ghadda lil John Pace business card tieghu, li giet esebita a fol. tnejn u erbghin (42) tal-process bhala Doc. NC2. Fuq din il-business card jidhru sitt kumpaniji illi l-ebda wahda minnhom ma hija dik konvenuta.

Il-kumpanija konvenuta provat tallega illi l-kont kellu jinhareg fuq kumpanija Gatt Ready Mix Limited. Il-probabilita ghalfejn ghamlet din l-allegazzjoni kien ghaliex kif ammetta l-attur stess bi zbal John Pace hareg il-kont tieghu fuq din il-kumpanija. Huwa jispjega dan l-izbal tieghu billi jghid illi ghalkemm Mario Gatt kien indikalu lil Gatt Enterprises Limited, huwa gie zvijat bl-isem ta' Gatt Ready Mix Limited li kien hemm fuq il-business card moghtija peress li t-trakk kien wiehed tar-Ready Mix. Ghalkemm it-Tribunal jemmen li zbalji bhal dawn huma zbalji ta' traskuragni, jifhem ukoll meta si tratta ta' panel beater li xogholu mhux fuq skrivanija u illi sa certa punt ftit jimpurtah fuq liema wahda minn sitt kumpaniji johrog il-kont basta jithallas u meta si tratta tal-fatt illi l-kumpanija li kien indikalu Mario Gatt verbalment ma kinitx wahda fost dawk imnizzla fuq il-business card li kollha ghandhom isimhom jibda bil-kunjom Gatt, it-Tribunal jemmen illi verament seta sar dan l-izbal genwin. Fil-fatt it-Tribunal jemmen illi l-kumpanija Gatt Enterprises Limited zgur li ssemmiet f'xi zmien minn Mario Gatt ghaliex altrimenti John Pace ma kellu l-ebda mezz kif isir jaf bija specjalment meta din hija kumpanija li mhix imnizzla fuq il-business card illi ghaddielu Mario Gatt.

In oltre jirrizulta illi l-kumpanija Gatt Ready Mix Limited illi ghadha tidher fuq il-business card u li fuqha John Pace l-ewwel darba hareg il-kont, hija kumpanija li skont r-rapprezentant tar-registratur tal-kumpaniji ilha kkancellata mill-erba (4) ta' Lulju tas-sena elfejn u sitta (2006). Il-kumpanija konvenuta ghal xi raguni qatt ma semmiet dan il-fatt li kellu jiskoprieh l-attur fil-mori ta' dawn il-proceduri. In vista ta' dawn ic-cirkostanzi, t-Tribunal ihoss illi l-verzjoni ta' John Pace hija wahda aktar attendibbli u ghandha mis-sewwa. Jemmen ghalhekk lil John Pace meta jghid illi Mario Gatt qabel beda x-xoghlijiet kien

indikalu l-kumpanija Gatt Enterprises Limited li fuqha kellu jinhareg il-kont. Jememn ukoll lil John Pace meta jghid illi Mario Gatt fl-ahhar tax-xoghol ikkonfermalu li l-kont kellu johrog fuq Gatt Enterprises Limited. Ghaldaqstant it-Tribunal jidirlhu illi l-kumpanija mharrka, hija l-legittimu kontraduttur li ghandha tirrispondi ghat-talbiet attrici.

It-tieni kwistjoni hija dik imqajma kemm indirettament fl-eccezzjonijiet izda principalment fil-kontro talba tal-kumpanija konvenuta fejn din qed tirreklama hlas ta' servizz ta' forklifter. Qabel xejn it-Tribunal jiddikjara illi ma jemminix il-verzjoni ta' Mario Gatt cioe' li l-partijiet kienu ftehmu li dan it-trakk tar-Ready Mix, eight wheeler kellu jissewwa fil-garaxx ta' John Pace u mhux fil-yard fejn kien qieghed. Jirrizulta illi dan it-trakk kien involut f'incident serju meta nqaleb. U meta mar jarah John Pace, dan kien jehtieglu tiswijiet ta' certa entita biex jinstaq fit-triq. Tant ma setax jinstaq fit-triq illi kif jghid John Pace, t-trakk kienu anke inqalghalu l-pjanci tan-numru tar-registrazzjoni. B'hekk it-Tribunal ma jemminx illi dan it-trakk kellu jigi misjuq sal-garaxx ta' John Pace biex jissewwa hemmhekk. Kieku dan kien il-kaz u cioe' li t-trakk seta jinhareg l-anqas kien ikun hemm in-necessita illi John Pace jinqala mill-garaxx tieghu sabiex imur ma' Mario Gatt u jarah fil-yard. Ghalhekk it-Tribunal jemmen illi l-intendiment sa mill-bidu nett kien li dan it-trakk ta' certa kobor (eight wheeler) jissewwa fil-yard ta' Gatt fejn kien qieghed sitwat u migbur. It-Tribunal l-anqas jemmen lir-rapprezentant tas-socjeta konvenuta meta jghid illi wara li kien mar fil-garaxx ta' l-attur ma kienx jaf jekk it-trakk setax jidhol mil-bieb tal-garaxx biex jissewwa. Jirrizulta fid-dokument esebit a fol. hamsin (50) tal-process (Dok. JM 1) illi dak illi qed jintalab minn John Pace fil-kontro talba jirriferi biss ghal kiri tal-forklift. F'dak id-dokument pretensjonijiet ohra bhal ma jissemmew fil-kontro talba (kiri ta' spazju, etc.) ma jissemmewx u apparti fl-att tal-kontro-talba l-anqas jirrizulta li saret xi talba ghalihom fil-bqija. Dan anke jikkonfermah Mario Gatt fix-xhieda tieghu tat-tletin (30) ta' Marzu tas-sena elfejn u tnax (2012). Meqjus dan kollu jirrizulta illi galadarba dan il-kont huwa tal-kiri tal-forklift biss, il-kwistjoni ta' fejn kellu u ma kellux jissewwa dan it-trakk hija rrelevanti, ghaliex jissewwa fejn

jissewwa, John Pace dejjem kien ser ikollu bzonn ta' forklifter jew apparat simili biex jilhaq l-gholi tal-kabina ta' dan it-trakk eight wheeler li ried jahdem fuqha.

Jekk il-kumpanija konvenuta provdiet dan il-forklifter sabiex ikun jista jintuza f'bicca xoghol illi hija kienet inkarigat lil attur biex jaghmel, u allura tali forklifter intuza ghal beneficcju taghha stess, ma taghmilx sens illi l-kumpanija konvenuta titlob il-hlas ghalih, aktar u aktar meta John Pace kif jistqarr huwa stess fix-xhieda tieghu u kif jirrizulta dokumentat mill-kont esebit ma nkludiex il-kiri tal-forklifter fil-kont. Kieku l-forklifter kellu jinkera minghand haddiehor ovvjament dan kien se jinkludih fil-kont. Izda l-attur ghamel dak li hass li hu sewwa u t-Tribunal jaqbel mieghu, illi galadarba s-servizz tal-forklifter kien gie prestat minn l-istess kumpanija li kienet ordnat ix-xoghol, dan ma kellux jinkludih fil-kont. It-Tribunal jemmen illi anke jekk ghal grazzja ta' l-argument kien hemm distinzjoni bejn min kien sid tal-forklifter u min kien ordna x-xoghol, galardarba kienu kumpaniji ta' l-istess nies u bl-istess diretturi, l-kumpaniji kellhom jissaldaw il-kont flimkien u bejniethom galadarba s-servizz jirrizulta li gie offrut minn l-istess nies.

It-Tribunal jemmen illi l-kont li intbghat lill-attur u cioe' dak reklamat fil-kontro talba ma kien xejn ghajr tentattiv fjakk biex il-kumpanija konvenuta tipprova tinnewtralizza ingustament il-kont ta' l-attur.

Il-kont tax-xoghol prestat minn l-attur ghalkemm fit-tielet eccezzjoni l-kumpanija konvenuta jidher ukoll ikkontestat, ma jidhirx illi imbghad gie ikkontestat tul il-bqija tal-kaz. Anzi Mario Gatt jghid illi meta saqsih bejn wiehed u iehor xi kemm jintala l-kont, dan qallu ili jigi madwar hames mitt ewro. It-Tribunal ghalhekk ihoss illi t-talba ta' l-attur hija wahda pruvata u gustifikata kuntrarjament ghal kontro talba tal-konvenut.

Illi dwar l-imghaxijiet jinghad illi din hija transazzjoni ta' natura kummercjali fejn kull att maghmul minn kumpanija kummercjali huwa min-natura tieghu innifsu definit bhala att ta' kummerc. Fil-kummerc l-imghaxijiet jibdew

jiddekorru minn meta l-ammont isir dovut. L-attur fl-avviz tat-talba jghid illi x-xoghol sar bejn April u Mejju tas-sena elfejn u hdax (2011). Jirrizulta illi fid-disgha (9) ta' Gunju tas-sena elfejn u hdax (2011) kienet diga intbaghtet l-ewwel ittra ghal hlas. Ghalhekk it-Tribunal iqis illi fl-ewwel (1) ta' Gunju tas-sena elfejn u hdax (2011) ix-xoghol kien lest u l-imghaxijiet ghandhom jiddekorru minn dik il-gurnata.

Ghaldaqstant it-Tribunal jaqta u jiddeciedi din il-kawza billi filwaqt li jichad l-eccezzjonijiet tal-kumpanija konvenuta, jilqa' t-talbiet attrici, jikkundanna lill-kumpanija konvenuta thallas lil attur is-somma ta' hames mija u hamsin ewro (€550) bl-imghaxijiet dekorribbli mil-ewwel (1) ta' Gunju tas-sena elfejn u hdax (2011); u filwaqt illi jilqa l-eccezzjonijiet ta' l-attur moghtija ghal kontro talba tal-kumpanija konvenuta, jichad l-istess talbiet maghmula fil-kontro talba, bl-ispejjez kollha ta' dan il-process inkluzi l-ispejjez ta' l-ittra interpellatorja tad-disgha (9) ta' Gunju tas-sena elfejn u hdax (2011), ta' l-ittra ufficjali tat-tmienja u ghoxrin (28) ta' Gunju tas-sena elfejn u hdax (2011) a karigu tal-kumpanija konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------